– wara li kkunsidra r-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta’ Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012[3], u b’mod partikolari l-Artikolu 71 tiegħu,

– wara li kkunsidra r-Regolament (UE, Euratom) Nru 2024/2509 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta’ Settembru 2024 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni[4], u b’mod partikolari l-Artikolu 71 tiegħu,

---

1 ĠU C, C/2024/6841, 13.11.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/C/2024/6841/oj.
2 ĠU C, C/2024/6041, 10.10.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/C/2024/6041/oj.
3 ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2018/1046/oj.
4 ĠU L, 2024/2509, 26.9.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/2509/oj.

– wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE) 2021/2085 tad-19 ta' Novembru 2021 li jistabbilixxi l-Impriżi Konġunti fil-qafas ta' Orizzont Ewropa u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 219/2007, (UE) Nru 557/2014, (UE) Nru 558/2014, (UE) Nru 559/2014, (UE) Nru 560/2014, (UE) Nru 561/2014 u (UE) Nru 642/2014[5], u b'mod partikolari l-Artikolu 26 tiegħu,

– wara li kkunsidra r-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/887 tat-13 ta' Marzu 2019 dwar il-mudell tar-regolament finanzjarju għall-korpi ta' sħubija pubblika-privata msemmijin fl-Artikolu 71 tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[6],

– wara li kkunsidra l-Artikolu 102 u l-Anness V tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit (A10-0056/2025),

1. Japprova l-għeluq tal-kontijiet tal-Impriża Konġunta Networks u Servizzi Intelliġenti għas-sena finanzjarja 2023;

2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi din id-deċiżjoni lid-Direttur Eżekuttiv tal-Impriża Konġunta Networks u Servizzi Intelliġenti, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Qorti tal-Awdituri, u biex tiżgura li tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* (serje L).

---

5 ĠU L 427, 30.11.2021, p. 17, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2021/2085/oj.

6 ĠU L 142, 29.5.2019, p. 16, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_del/2019/887/oj.

23. Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-7 ta’ Mejju 2025 li tinkludi l-kummenti li jagħmlu parti integrali mid-deċiżjonijiet dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-impriżi konġunti tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2023 (2024/2031(DEC))

Il-Parlament Ewropew,

– wara li kkunsidra d-deċiżjoni tiegħu dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Impriża Konġunta Avjazzjoni Nadifa għas-sena finanzjarja 2023,

– wara li kkunsidra d-deċiżjoni tiegħu dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Impriża Konġunta Ewropa Ċirkolari b’Bażi Bijoloġika għas-sena finanzjarja 2023,

– wara li kkunsidra d-deċiżjoni tiegħu dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Impriża Konġunta Idroġenu Nadif għas-sena finanzjarja 2023,

– wara li kkunsidra d-deċiżjoni tiegħu dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Impriża Konġunta Sistema Ferrovjarja Ewropea għas-sena finanzjarja 2023,

– wara li kkunsidra d-deċiżjoni tiegħu dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Impriża Konġunta għall-Computing ta’ Prestazzjoni Għolja Ewropew għas-sena finanzjarja 2023,

– wara li kkunsidra d-deċiżjoni tiegħu dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Impriża Konġunta Ewropea għall-ITER u l-Iżvilupp tal-Enerġija mill-Fużjoni għas-sena finanzjarja 2023,

– wara li kkunsidra d-deċiżjoni tiegħu dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Impriża Konġunta Saħħa Globali EDCTP3 għas-sena finanzjarja 2023,

– wara li kkunsidra d-deċiżjoni tiegħu dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Impriża Konġunta Inizjattiva għal Saħħa Innovattiva għas-sena finanzjarja 2023,

– wara li kkunsidra d-deċiżjoni tiegħu dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Impriża Konġunta taċ-Ċipep għas-sena finanzjarja 2023,

– wara li kkunsidra d-deċiżjoni tiegħu dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Impriża Konġunta Riċerka dwar il-Ġestjoni tat-Traffiku tal-Ajru Uniku Ewropew 3 għas-sena finanzjarja 2023,

– wara li kkunsidra d-deċiżjoni tiegħu dwar il-kwittanza għall-

implimentazzjoni tal-baġit tal-Impriża Konġunta Networks u Servizzi Intelliġenti għas-sena finanzjarja 2023,

– wara li kkunsidra l-Artikolu 102 u l-Anness V tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit (A10-0056/2025),

A. billi l-Impriża Konġunta Riċerka dwar il-Ġestjoni tat-Traffiku tal-Ajru Uniku Ewropew 3, l-Impriża Konġunta Avjazzjoni Nadifa, l-Impriża Konġunta Inizjattiva għal Saħħa Innovattiva, l-Impriża Konġunta Idroġenu Nadif, l-Impriża Konġunta Ewropa Ċirkolari b'Bażi Bijoloġika, l-Impriża Konġunta Sistema Ferrovjarja Ewropea, l-Impriża Konġunta Networks u Servizzi Intelliġenti u l-Impriża Konġunta Saħħa Globali EDCTP3 ġew stabbiliti bir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2021/2085[1] li jistabbilixxi l-Impriżi Konġunti fil-qafas ta' Orizzont Ewropa u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 219/2007, (UE) Nru 557/2014, (UE) Nru 558/2014, (UE) Nru 559/2014, (UE) Nru 560/2014, (UE) Nru 561/2014 u (UE) Nru 642/2014, dan tal-aħħar imsejjaħ l-Att Bażiku Uniku (SBA);

B. billi l-Impriża Konġunta Teknoloġiji Diġitali Ewlenin ġiet stabbilita bir-Regolament (UE) 2021/2085; billi l-Impriża Konġunta Teknoloġiji Diġitali Ewlenin ġiet ittrasformata fl-Impriża Konġunta taċ-Ċipep f'Lulju 2023 skont ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2023/1782[2];

C. billi l-Impriża Konġunta Ewropea għall-ITER u l-Iżvilupp tal-Enerġija mill-Fużjoni ġiet stabbilita f'April 2007 bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/198/Euratom[3];

D. billi l-Impriża Konġunta għall-Computing ta' Prestazzjoni Għolja

---

1 Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2021/2085 tad-19 ta' Novembru 2021 li jistabbilixxi l-Impriżi Konġunti fil-qafas ta' Orizzont Ewropa u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 219/2007, (UE) Nru 557/2014, (UE) Nru 558/2014, (UE) Nru 559/2014, (UE) Nru 560/2014, (UE) Nru 561/2014 u (UE) Nru 642/2014 (ĠU L 427, 30.11.2021, p. 17, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2021/2085/oj).

2 Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2023/1782 tal-25 ta' Lulju 2023 li jemenda r-Regolament (UE) 2021/2085 li jistabbilixxi l-Impriżi Konġunti fil-qafas ta' Orizzont Ewropa, fir-rigward tal-Impriża Konġunta taċ-Ċipep (ĠU L 229, 18.9.2023, p. 55, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2023/1782/oj).

3 Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/198/Euratom tas-27 ta' Marzu 2007 li tistabbilixxi l-Impriża Konġunta Ewropea għall-ITER u l-Iżvilupp tal-Enerġija mill-Fużjoni u li tikkonferilha vantaġġi (ĠU L 90, 30.3.2007, p. 58, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2007/198/oj).

Ewropew ġiet stabbilita bir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2021/1173[1];

E. billi l-Impriża Konġunta Riċerka dwar il-Ġestjoni tat-Traffiku tal-Ajru Uniku Ewropew 3 hija sħubija pubblika-privata għall-iżvilupp ta' ġestjoni tat-traffiku tal-ajru mmodernizzata (ATM) fl-Ewropa u għall-aċċellerazzjoni permezz tar-riċerka u l-innovazzjoni tat-twettiq tal-Ajru Diġitali Ewropew;

F. billi l-Impriża Konġunta Avjazzjoni Nadifa hija sħubija pubblika-privata b'enfasi fuq ir-riċerka u l-innovazzjoni għat-trasformazzjoni tal-avjazzjoni lejn futur sostenibbli u newtrali għall-klima;

G. billi l-Impriża Konġunta Inizjattiva għal Saħħa Innovattiva hija sħubija pubblika-privata b'enfasi fuq ir-riċerka u l-innovazzjoni interdixxiplinari, sostenibbli u ċċentrata fuq il-pazjent;

H. billi l-Impriża Konġunta Idroġenu Nadif hija sħubija pubblika-privata fil-qasam tar-riċerka u l-innovazzjoni fil-kamp tat-teknoloġija tal-idroġenu u ċ-ċelloli tal-fjuwil;

I. billi l-Impriża Konġunta taċ-Ċipep hija sħubija pubblika-privata b'enfasi fuq ir-riċerka u l-innovazzjoni f'teknoloġiji diġitali ewlenin essenzjali għat-tmexxija kompetittiva tal-Ewropa fl-ekonomija diġitali, b'mod partikolari, fis-settur tal-komponenti u s-sistemi elettroniċi;

J. billi l-Impriża Konġunta Ewropa Ċirkolari b'Bażi Bijoloġika Ċirkolari hija sħubija pubblika-privata b'enfasi fuq ir-riċerka u l-innovazzjoni għal settur tal-industriji ċirkolari b'bażi bijoloġika sostenibbli u kompetittiv;

K. billi l-Impriża Konġunta Sistema Ferrovjarja Ewropea hija sħubija pubblika-privata għar-riċerka u l-innovazzjoni fis-settur ferrovjarju;

L. billi l-Impriża Konġunta għall-Computing ta' Prestazzjoni Għolja Ewropew hija sħubija pubblika-privata li tippermetti l-ġbir flimkien tar-riżorsi għall-iżvilupp u l-użu ta' computing ta' prestazzjoni għolja fl-Ewropa;

M. billi l-Impriża Konġunta Networks u Servizzi Intelliġenti hija sħubija pubblika-privata b'enfasi fuq it-tisħiħ tat-tmexxija teknoloġika tal-Ewropa u l-allinjament strateġiku tagħha mal-industrija tat-telekomunikazzjoni u t-trawwim tal-adozzjoni ta' soluzzjonijiet diġitali;

---

[1] Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2021/1173 tat-13 ta' Lulju 2021 dwar l-istabbiliment tal-Impriża Konġunta għall-Computing ta' Prestazzjoni Għolja Ewropew u li jħassar ir-Regolament (UE) 2018/1488 (ĠU L 256, 19.7.2021, p. 3, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2021/1173/oj).

N. billi l-Impriża Konġunta Saħħa Globali EDCTP3 hija sħubija pubblika-privata b'enfasi fuq it-tnaqqis tal-piż soċjoekonomiku tal-mard infettiv fl-Afrika sub-Saħarjana bis-saħħa ta' applikazzjonijiet teknoloġiċi tas-saħħa ġodda u mtejba kif ukoll it-titjib tat-tħejjija u tar-rispons għall-mard infettiv għal skopijiet globali;

O. billi l-għan tal-Impriża Konġunta għall-ITER u l-Iżvilupp tal-Enerġija mill-Fużjoni huwa li tipprovdi l-kontribut tal-Unjoni għall-proġett internazzjonali ITER għall-enerġija mill-fużjoni, li timplimenta l-ftehim ta' approċċ usa' bejn il-Euratom u l-Ġappun, u li tipprepara għall-kostruzzjoni ta' impjant dimostrattiv tal-enerġija mill-fużjoni u faċilitajiet relatati;

Ġenerali

1. Jinnota li r-rwol tal-impriżi konġunti għandu jkun li jappoġġjaw attivitajiet ta' riċerka u innovazzjoni fl-oqsma tat-trasport, l-enerġija, is-saħħa, l-industriji b'bażi bijoloġika, il-komponenti elettroniċi ewlenin, is-supercomputing u s-sistemi tan-networks; jistieden lill-impriżi konġunti jippromwovu t-trasformazzjoni tal-għarfien xjentifiku f'innovazzjonijiet kummerċjabbli, u jistabbilixxu mekkaniżmi li jiżguraw li l-attività tagħhom twassal għal żieda fil-kompetittività Ewropea fid-dinja;

2. Jissottolinja li fl-ambitu tal-qafas finanzjarju pluriennali attwali, skont il-Qorti tal-Awdituri (il-"Qorti"), l-impriżi konġunti huma mistennija li jirċievu baġit ikkombinat ta' EUR 17-il biljun mill-kontribuzzjoni fi flus tal-Unjoni u jingranaw EUR 21,1 biljun ta' kontribuzzjonijiet minn membri oħra;

3. Jinnota li n-natura tal-impriżi konġunti hija bbażata fuq sħubijiet pubbliċi-privati li jmexxu l-investiment u jinfluwenzaw il-fondi pubbliċi u privati biex jiffinanzjaw għanijiet komuni; ifakkar, f'dak ir-rigward, li l-kontribuzzjonijiet tal-membri privati jridu jilħqu l-miri stabbiliti sabiex tali sħubijiet jibqgħu ta' benefiċċju reċiproku; jistieden lill-impriżi konġunti li jippermettu kontribuzzjonijiet *in natura* għal attivitajiet addizzjonali (IKAA) biex jevitaw, fejn possibbli, dipendenza eċċessiva minn tali kontribuzzjonijiet sabiex jintlaħqu l-miri stabbiliti;

4. Jirrikonoxxi l-kontributi sinifikanti tal-impriżi konġunti għall-avvanz fir-riċerka, l-innovazzjoni u l-iżvilupp tat-teknoloġija f'setturi varji, inklużi l-avjazzjoni, is-settur ferrovjarju u l-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru, bħala fatturi integrali biex jintlaħqu l-objettivi strateġiċi tal-Unjoni fil-qasam tas-sostenibbiltà, it-trasformazzjoni diġitali u l-kompetittività.

5. Jilqa' r-rapport annwali tal-Qorti dwar l-impriżi konġunti tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2023 (ir-"rapport tal-Qorti"); jissottolinja li l-missjoni tal-Qorti hija kruċjali għall-implimentazzjoni tajba tal-baġit tal-Unjoni u għas-sorveljanza tal-baġit;

6. Jilqa’ l-fatt li l-Qorti pprovdiet lill-awtorità ta’ kwittanza rapport annwali dwar l-Impriżi Konġunti tal-UE li fih dikjarazzjoni speċifika ta’ assigurazzjoni għal kull waħda mill-impriżi konġunti fir-rigward tal-kontijiet annwali u t-tranżazzjonijiet sottostanti tagħhom; huwa tal-istess fehma li minbarra d-dispożizzjonijiet legali li jorbtu lill-Qorti, il-qafas istituzzjonali tal-impriżi konġunti jrendihom meritevoli ta’ attenzjoni speċifika mill-Qorti; jitlob il-kontinwazzjoni ta’ din il-prattika tajba; jilqa’ l-kooperazzjoni tajba tal-impriżi konġunti mal-Qorti matul l-abbozzar tar-rapport tal-Qorti u jilqa’ l-ispjegazzjonijiet ipprovduti dwar xi wħud mill-osservazzjonijiet u l-enfasi fuq il-kwistjonijiet li saru fit-tweġibiet ipprovduti mill-impriżi konġunti;

7. Jilqa’ l-fatt li żewġ impriżi konġunti kisbu awtonomija finanzjarja matul is-sena finanzjarja 2023, jiġifieri l-Impriża Konġunta Networks u Servizzi Intelliġenti fl-24 ta’ Ottubru 2023 u l-Impriża Konġunta Saħħa Globali EDCTP3 fit-23 ta’ Novembru 2023; jinnota wkoll li b’riżultat ta’ dan, il-Qorti awditjat dawn iż-żewġ impriżi konġunti għall-ewwel darba, minbarra d-disa’ impriżi konġunti li l-Qorti kienet diġà awditjat għas-sena finanzjarja 2022;

8. Jisħaq fuq l-għarfien tiegħu li xi impriżi konġunti ġew affettwati b’mod sinifikanti matul is-sena finanzjarja 2023 minn avvenimenti importanti b’impatt li x’aktarx ibiddel il-prestazzjoni tagħhom; jenfasizza, b’mod aktar preċiż, li:

   (a) il-gwerra ta’ aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna kellha impatt sinifikanti fuq l-ekonomija tal-Unjoni u fuq il-ktajjen tal-provvista, li affettwa ħafna l-attivitajiet ta’ xi impriżi konġunti;

   (b) il-konsegwenzi tal-pandemija tal-COVID-19 għadhom jinħassu madwar l-Ewropa llum u matul is-sena finanzjarja 2023, xorta kienu jikkostitwixxu xokk enormi għall-attivitajiet ekonomiċi u amministrattivi;

   (c) il-livelli għoljin ta’ inflazzjoni kkawżati miż-żewġ avvenimenti msemmija hawn fuq kellhom impatt fuq il-provvisti u ż-żmien tal-konsenja għall-impriżi konġunti;

9. Jirrikonoxxi l-benefiċċji tal-impriżi konġunti, l-importanza tal-kooperazzjoni pubblika-privata fit-trawwim tal-innovazzjoni, il-promozzjoni tar-riċerka u l-iżvilupp u l-benefiċċji ekonomiċi tas-sħubijiet; jinnota li bil-ġbir flimkien tar-riżorsi u l-għarfien espert miż-żewġ setturi, kemm is-settur pubbliku kif ukoll dak privat, l-impriżi konġunti jistgħu jiffaċċjaw l-isfidi b’mod aktar effettiv; jissottolinja l-importanza tat-trasparenza, l-obbligu ta’ rendikont u l-użu effiċjenti tal-fondi pubbliċi mill-impriżi konġunti;

10. Jirrikonoxxi l-valur ta’ inizjattivi li jrawmu l-involviment u l-parteċipazzjoni tal-partijiet ikkonċernati, bħal sejħiet miftuħa għal espressjonijiet ta’ interess u sejħiet konġunti bejn l-impriżi konġunti, bħala instrumentali biex jiġu mobilizzati l-kompetenzi u r-riżorsi

kollettivi; jiġbed attenzjoni partikolari għas-sejħa konġunta għal proposti mnedija mill-Impriża Konġunta Sistema Ferrovjarja Ewropea u l-Impriża Konġunta Riċerka dwar il-Ġestjoni tat-Traffiku tal-Ajru Uniku Ewropew 3 – l-ewwel sejħa tematika trażversali ta' dan it-tip mill-impriżi konġunti bil-għan li tiżviluppa network tal-ajru u ferrovjarju integrat għal sistema tat-trasport multimodali sostenibbli;

11. Ifakkar li l-impriżi konġunti jeħtiġilhom iwettqu l-operazzjonijiet tagħhom skont ġestjoni finanzjarja tajba, u b'hekk jikkontribwixxu b'mod effettiv għall-objettivi tal-politika tal-Unjoni kif ukoll għall-implimentazzjoni tajba tal-baġit tal-Unjoni; huwa mħasseb, madankollu, dwar sensiela ta' elementi, fid-dawl tas-sejbiet tal-Qorti, kif ippreżentati f'din ir-riżoluzzjoni;

Kontijiet annwali

12. Jinnota li r-rapport tal-Qorti isib li l-kontijiet annwali tal-2023 tal-ħdax-il impriża konġunta awditjati jippreżentaw b'mod ġust, fl-aspetti materjali kollha, il-pożizzjoni finanzjarja tagħhom fil-31 ta' Diċembru 2023, ir-riżultati tal-operazzjonijiet u tal-flussi tal-flus tagħhom, u l-bidliet fl-assi netti għas-sena li ntemmet, f'konformità mar-regolamenti finanzjarji tagħhom u r-regoli kontabilistiċi adottati mill-uffiċjal tal-kontabbiltà tal-Kummissjoni; jinnota wkoll li, b'riżultat ta' dan, il-Qorti ħarġet opinjonijiet tal-awditjar mhux kwalifikati dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet annwali tal-impriżi konġunti;

13. Jinnota li r-rapport tal-Qorti isib li t-tranżazzjonijiet ta' bażi għall-kontijiet huma legali u regolari fl-aspetti materjali kollha; jinnota wkoll li b'riżultat ta' dan, il-Qorti ħarġet opinjonijiet tal-awditjar mhux kwalifikati dwar il-legalità u r-regolarità kemm tad-dħul kif ukoll tal-pagamenti li fuqhom huma bbażati l-kontijiet tal-impriżi konġunti;

14. Jieħu nota tal-fatt li, fil-fehma tal-Qorti, ma ngħatatx biżżejjed gwida lill-Impriża Konġunta Networks u Servizzi Intelliġenti u lill-Impriża Konġunta Saħħa Globali EDCTP3 dwar il-kontijiet annwali għall-ewwel darba tagħhom, speċjalment fir-rigward tal-ħtieġa ta' ċarezza fid-distinzjoni tar-riżorsi finanzjarji ġestiti mill-Kummissjoni qabel ma dawn kisbu l-awtonomija finanzjarja tagħhom u mill-impriżi konġunti wara li kisbuha; itenni r-rakkomandazzjoni tal-Qorti għal azzjoni f'dan ir-rigward li tirrakkomanda li jiġu żviluppati linji gwida kontabilistiċi b'mod ċar u li jinftiehem, li għandhom jispeċifikaw ir-regoli għall-preżentazzjoni tal-ewwel kontijiet annwali ta' impriżi konġunti ġodda u li dawn il-linji gwida għandhom jinkludu struzzjonijiet dwar kif għandhom jiġu sseparati r-riżorsi finanzjarji implimentati mill-Kummissjoni minn dawk implimentati minn impriża konġunta wara li tkun kisbet l-awtonomija finanzjarja tagħha; jinnota li r-riskju għall-affidabbiltà tal-kontijiet annwali tqies li kien baxx

għall-impriżi konġunti kollha ħlief għall-Impriża Konġunta Networks u Servizzi Intelliġenti u għall-Impriża Konġunta Saħħa Globali EDCTP3, li għalihom ir-riskju għall-affidabbiltà tqies li huwa medju, minħabba l-kumplessitajiet li rriżultaw mit-trasferiment ta' approprjazzjonijiet baġitarji u assi mir-responsabbiltà tal-Kummissjoni għar-responsabbiltà tal-impriża konġunta;

15. Jieħu nota tal-fatt li l-kontijiet annwali tal-Impriża Konġunta Ewropea għall-ITER u l-Iżvilupp tal-Enerġija mill-Fużjoni jsiru abbażi tal-linja bażi tal-proġett ITER stabbilit fl-2023 iżda li dan il-proġett ITER huwa s-suġġett ta' reviżjoni li għadha għaddejja, filwaqt li r-riżultat tagħha x'aktarx jirriżulta f'bidliet sinifikanti għall-Impriża Konġunta Ewropea għall-ITER u l-Iżvilupp tal-Enerġija mill-Fużjoni u l-ispiża totali stmati tagħha meta titlesta; jissottolinja li l-impriża konġunta kkonċernata għandha tieħu l-azzjonijiet kollha meħtieġa biex tiżgura li l-linja bażi futura u l-konsegwenzi tagħha għall-ħtieġa ta' kontribuzzjonijiet fi flus tal-Unjoni lill-impriża konġunta ma jikkostitwixxux obbligazzjoni għall-baġit tal-Unjoni; jinnota mis-seduta ta' smigħ tal-impriża konġunta kkonċernata fil-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit li fiż-żmien tas-seduta ta' smigħ u skont l-impriża konġunta kkonċernata, kien kmieni wisq biex tiġi pprovduta stima tal-impatt finanzjarju ta' din ir-reviżjoni; huwa mħasseb ukoll dwar id-dewmien li għandu impatt fuq il-proġett ITER, minħabba fatturi li jmorru lil hinn mill-kontroll tal-impriża konġunta;

16. Huwa mħasseb dwar l-impatt potenzjali li l-organizzazzjoni mill-ġdid tal-Impriża Konġunta Ewropea għall-ITER u l-Iżvilupp tal-Enerġija mill-Fużjoni se jkollha fuq l-attivitajiet tagħha, b'mod partikolari l-instabbiltajiet għal żmien qasir sa medju u r-riskji operattivi għall-impriża konġunta; jilqa' l-għarfien tal-impriża konġunta kkonċernata dwar dawn il-kwistjonijiet u l-ispjegazzjoni pprovduta rigward il-fehmiet tagħha dwar is-sitwazzjoni; jilqa' l-informazzjoni addizzjonali pprovduta matul is-seduta ta' smigħ tal-impriża konġunta kkonċernata fil-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit, b'mod partikolari fir-rigward tal-fatt li r-riskju għall-kontinwità tal-operat s'issa ġie mmitigat bis-saħħa ta' dipendenza qawwija fuq programmi u proġetti eżistenti; jilqa' l-flessibbiltà li ġġib magħha l-istruttura matriċi l-ġdida;

17. Jieħu nota tal-fatt li r-riskju għal-legalità u r-regolarità tad-dħul tqies li kien baxx għall-impriżi konġunti kollha;

Ġestjoni baġitarja u finanzjarja

18. Jinnota li l-baġit totali disponibbli fl-2023 għall-ħdax-il impriża konġunta awditjati mill-Qorti ammonta għal EUR 4,25 biljun f'approprjazzjonijiet ta' impenn u EUR 3,87 biljun f'approprjazzjonijiet ta' pagament, skont il-Qorti, li tqis li l-baġit totali disponibbli jinkludi approprjazzjonijiet mhux użati mis-snin preċedenti, li l-impriżi konġunti reġgħu daħħlu fil-baġit tas-sena

attwali u d-dħul assenjat u riallokazzjonijiet għas-sena li jmiss; jinnota b’mod aktar preċiż li:

(a) il-baġit totali disponibbli fl-2023 għall-Impriża Konġunta Riċerka dwar il-Ġestjoni tat-Traffiku tal-Ajru Uniku Ewropew 3 ammonta għal EUR 111,2-il miljun f’approprjazzjonijiet ta’ impenn (meta mqabbel ma’ EUR 158,8 miljun fl-2022) u EUR 241,5 miljun f’approprjazzjonijiet ta’ pagament (meta mqabbel ma’ EUR 146,9 miljun fl-2022); jifhem ukoll li skont ir-rapport dwar il-ġestjoni baġitarja u finanzjarja tal-Impriża Konġunta Riċerka dwar il-Ġestjoni tat-Traffiku tal-Ajru Uniku Ewropew 3, ir-rata ta’ eżekuzzjoni tal-baġit totali tagħha għas-sena finanzjarja 2023 laħqet 92 % għall-approprjazzjonijiet ta’ impenn u 81 % għall-approprjazzjonijiet ta’ pagament, li tindika li ma kien hemm l-ebda kwistjoni serja relatata mal-pass tal-implimentazzjoni tal-baġit; jisħaq, madankollu, fuq ir-rata baxxa ta’ eżekuzzjoni tal-approprjazzjonijiet ta’ pagament tiegħu ddedikati għan-nefqa infrastrutturali u operattiva, li laħqet 55 %; jinnota l-ispjegazzjoni tal-impriża konġunta u jistieden b’mod ġenerali lill-impriża konġunta biex tiżgura pass tajjeb ta’ implimentazzjoni għal kull taqsima tal-baġit tagħha;

(b) Il-baġit totali disponibbli fl-2023 għall-Impriża Konġunta Avjazzjoni Nadifa ammonta għal EUR 269 miljun f’approprjazzjonijiet ta’ impenn (meta mqabbel ma’ EUR 411,2-il miljun fl-2022) u EUR 486,4 miljun f’approprjazzjonijiet ta’ pagament (meta mqabbel ma’ EUR 415,3-il miljun fl-2022); jifhem ukoll li skont ir-rapport dwar il-ġestjoni baġitarja u finanzjarja tal-Impriża Konġunta Avjazzjoni Nadifa, ir-rata totali ta’ eżekuzzjoni tal-baġit tagħha għas-sena finanzjarja 2023 laħqet 98,58 % għall-approprjazzjonijiet ta’ impenn u 51,18 % għall-approprjazzjonijiet ta’ pagament, li tindika li kien hemm kwistjonijiet serji relatati mal-pass tal-implimentazzjoni tal-baġit; jinnota b’mod partikolari li r-rati ta’ eżekuzzjoni taż-żewġ titoli tan-nefqa operattiva tagħha huma ta’ 80,50 % u 81,11 % rispettivament għall-approprjazzjonijiet ta’ pagament; jisħaq ukoll fuq ir-rata baxxa ta’ eżekuzzjoni tal-approprjazzjonijiet ta’ pagament tagħha ddedikati għan-nefqa infrastrutturali, li laħqet 60,52 %; jesprimi dispjaċir kbir dwar l-ammont importanti allokat għat-titolu 5 tal-baġit tagħha għal approprjazzjonijiet ta’ pagament mhux użati ta’ EUR 177 miljun, li għandu rata ta’ eżekuzzjoni teknika ta’ 0 %; jinnota l-ispjegazzjoni tal-impriża konġunta u b’mod ġenerali jistieden lill-impriża konġunta biex tiżgura pass tajjeb ta’ implimentazzjoni għal kull taqsima tal-baġit tagħha;

(c) Il-baġit totali disponibbli fl-2023 għall-Impriża Konġunta Inizjattiva għal Saħħa Innovattiva ammonta għal EUR 223,2 miljun f’approprjazzjonijiet ta’ impenn (meta mqabbel ma’ EUR 272,4 miljun fl-2022) u EUR 225,9 miljun

f’approprjazzjonijiet ta’ pagament (meta mqabbel ma’ EUR 174,8 miljun fl-2022); jifhem ukoll li skont ir-rapport dwar il-ġestjoni baġitarja u finanzjarja tal-Impriża Konġunta Inizjattiva għal Saħħa Innovattiva, ir-rata ta’ eżekuzzjoni tal-baġit totali tagħha għas-sena finanzjarja 2023 laħqet 92,65 % għall-approprjazzjonijiet ta’ impenn u 90,29 % għall-approprjazzjonijiet ta’ pagament, li tindika li ma kien hemm l-ebda kwistjoni serja relatata mal-pass tal-implimentazzjoni tal-baġit; jisħaq, madankollu, fuq ir-rati baxxi ta’ eżekuzzjoni tal-approprjazzjonijiet ta’ impenn u ta’ pagament tagħha ddedikati għan-nefqa fuq l-infrastruttura, li laħqu 68,67 % u 67,30 % rispettivament; jinnota l-ispjegazzjoni tal-impriża konġunta u jistieden b’mod ġenerali lill-impriża konġunta biex tiżgura pass tajjeb ta’ implimentazzjoni għal kull taqsima tal-baġit tagħha;

(d) Il-baġit totali disponibbli fl-2023 għall-Impriża Konġunta Idroġenu Nadif ammonta għal EUR 268,9 miljun f’approprjazzjonijiet ta’ impenn (meta mqabbel ma’ EUR 314,3-il miljun fl-2022) u EUR 327,8 miljun f’approprjazzjonijiet ta’ pagament (meta mqabbel ma’ EUR 118,3-il miljun fl-2022); jifhem ukoll li skont ir-rapport dwar il-ġestjoni baġitarja u finanzjarja tal-Impriża Konġunta Idroġenu Nadif, ir-rata totali ta’ eżekuzzjoni tal-baġit tagħha għas-sena finanzjarja 2023 laħqet 96,62 % għall-approprjazzjonijiet ta’ impenn u 85,43 % għall-approprjazzjonijiet ta’ pagament, li tindika li ma kien hemm l-ebda kwistjoni serja relatata mal-pass tal-implimentazzjoni tal-baġit; jisħaq, madankollu, fuq ir-rata baxxa ta’ eżekuzzjoni tal-approprjazzjonijiet ta’ pagament iddedikati għan-nefqa operattiva tagħha ffinanzjata fil-qafas ta’ Orizzont 2020 li laħqet 69,41 %; jisħaq ukoll fuq ir-rati baxxi ta’ eżekuzzjoni tal-approprjazzjonijiet ta’ impenn u ta’ pagament tagħha ddedikati għan-nefqa fuq l-infrastruttura, li laħqu 71,21 % u 60,60 % rispettivament; jinnota l-ispjegazzjonijiet tal-impriża konġunta u jistieden b’mod ġenerali lill-impriża konġunta tiżgura pass tajjeb ta’ implimentazzjoni għal kull taqsima tal-baġit tagħha;

(e) Il-baġit totali disponibbli fl-2023 għall-Impriża Konġunta taċ-Ċipep ammonta għal EUR 835,7 miljun f’approprjazzjonijiet ta’ impenn (meta mqabbel ma’ EUR 261,4 miljun fl-2022) u EUR 518,4-il miljun f’approprjazzjonijiet ta’ pagament (meta mqabbel ma’ EUR 222,2 miljun fl-2022); jifhem ukoll li skont ir-rapport dwar il-ġestjoni baġitarja u finanzjarja tal-Impriża Konġunta taċ-Ċipep, ir-rata totali ta’ eżekuzzjoni tal-baġit tagħha għas-sena finanzjarja 2023 laħqet 100 % għall-approprjazzjonijiet ta’ impenn u 37 % għall-approprjazzjonijiet ta’ pagament, li tindika li kien hemm kwistjonijiet serji relatati mal-pass tal-implimentazzjoni tal-baġit; jisħaq, b’mod partikolari, fuq ir-rata ta’ eżekuzzjoni baxxa ħafna tal-approprjazzjonijiet ta’ pagament iddedikati għan-nefqa operattiva, li laħqet 36 %; jinnota l-ispjegazzjoni tal-impriża

konġunta iżda jesprimi dispjaċir kbir għal tali rata ta’ eżekuzzjoni baxxa u jistieden b’mod ġenerali lill-impriża konġunta biex tiżgura pass tajjeb ta’ implimentazzjoni għal kull taqsima tal-baġit tagħha; jieħu nota tal-fatt li dawn l-elementi, fir-rigward tal-finanzjament miżjud li l-Impriża Konġunta taċ-Ċipep ibbenefikat minnu fl-2023 u li l-Impriża Konġunta taċ-Ċipep kellha timplimenta, wasslu lill-Qorti biex tqis ir-riskju għall-ġestjoni tal-baġit għal din l-impriża konġunta bħala medju;

(f) Il-baġit totali disponibbli fl-2023 għall-Impriża Konġunta Ewropa Ċirkolari b’Bażi Bijoloġika kien jammonta għal EUR 227,4 miljun f’approprjazzjonijiet ta’ impenn (meta mqabbel ma’ EUR 264,2 miljun fl-2022) u EUR 137,4 miljun f’approprjazzjonijiet ta’ pagament (meta mqabbel ma’ EUR 80,3 miljun fl-2022); jifhem ukoll li skont ir-rapport dwar il-ġestjoni baġitarja u finanzjarja tal-Impriża Konġunta Ewropa Ċirkolari b’Bażi Bijoloġika, ir-rata ta’ eżekuzzjoni tal-baġit totali tagħha għas-sena finanzjarja 2023 laħqet 97,6 % għall-approprjazzjonijiet ta’ impenn u 90,3 % għall-approprjazzjonijiet ta’ pagament, li tindika li ma kien hemm l-ebda kwistjoni serja relatata mal-pass tal-implimentazzjoni tal-baġit; jisħaq, madankollu, fuq ir-rati baxxi ta’ eżekuzzjoni tal-approprjazzjonijiet ta’ impenn u ta’ pagament għall-parti tan-nefqa amministrattiva tagħha ddedikata għas-salarji, li laħqu 64 % u 57 % rispettivament, kif ukoll ir-rata baxxa ta’ eżekuzzjoni tal-approprjazzjonijiet ta’ pagament għall-parti tan-nefqa amministrattiva tagħha ddedikata għal nefqa amministrattiva oħra, li laħqet 54 %; jinnota l-ispjegazzjoni tal-impriża konġunta u jistieden b’mod ġenerali lill-impriża konġunta biex tiżgura pass tajjeb ta’ implimentazzjoni għal kull taqsima tal-baġit tagħha;

(g) Il-baġit totali disponibbli fl-2023 għall-Impriża Konġunta Sistema Ferrovjarja Ewropea ammonta għal EUR 102,6 miljun f’approprjazzjonijiet ta’ impenn (meta mqabbel ma’ EUR 171,4 miljun fl-2022) u EUR 120,3 miljun f’approprjazzjonijiet ta’ pagament (meta mqabbel ma’ EUR 180,8 miljun fl-2022); jifhem ukoll li skont ir-rapport dwar il-ġestjoni baġitarja u finanzjarja tal-Impriża Konġunta Sistema Ferrovjarja Ewropea, ir-rata totali ta’ eżekuzzjoni tal-baġit tagħha għas-sena finanzjarja 2023 laħqet 97 % għall-approprjazzjonijiet ta’ impenn u 82 % għall-approprjazzjonijiet ta’ pagament, li tindika li ma kien hemm l-ebda kwistjoni serja relatata mal-pass tal-implimentazzjoni tal-baġit; jisħaq, madankollu, fuq ir-rata baxxa ta’ eżekuzzjoni tal-approprjazzjonijiet ta’ pagament għall-parti tan-nefqa operattiva tagħha ffinanzjata fl-ambitu ta’ Orizzont 2020, li laħqet 67 %; jinnota l-ispjegazzjoni tal-impriża konġunta u jistieden b’mod ġenerali lill-impriża konġunta biex tiżgura pass tajjeb ta’ implimentazzjoni għal kull taqsima tal-baġit tagħha; jindika li l-Impriża Konġunta Sistema Ferrovjarja Ewropea pposponiet il-pagamenti finali għall-2024 minħabba kwistjonijiet tekniċi li

ltaqgħu magħhom il-benefiċjarji; jieħu nota tad-diversi proġetti li ma talbux għalkollox il-baġits tagħhom, u b'hekk naqqsu l-ħtieġa ta' pagamenti operattivi b'madwar EUR 4,1 miljun; jistieden lill-impriża konġunta kkonċernata telabora pjan dwar kif ittejjeb l-obbligi ta' rapportar kontabilistiku; jenfasizza l-importanza li tiġi appoġġjata l-impriża konġunta minħabba l-vantaġġi inerenti tal-ferroviji f'termini tal-prestazzjoni ambjentali, l-użu tal-art, il-konsum tal-enerġija u s-sikurezza;

(h) Il-baġit totali disponibbli fl-2023 għall-Impriża Konġunta għall-Computing ta' Prestazzjoni Għolja Ewropew ammonta għal EUR 1 136 miljun f'approprjazzjonijiet ta' impenn (meta mqabbel ma' EUR 1 374,5 miljun fl-2022) u EUR 1 058 miljun f'approprjazzjonijiet ta' pagament (meta mqabbel ma' EUR 629,9 miljun fl-2022); jifhem ukoll li skont ir-rapport dwar il-ġestjoni baġitarja u finanzjarja tal-Impriża Konġunta għall-Computing ta' Prestazzjoni Għolja Ewropew, ir-rata totali ta' eżekuzzjoni tal-baġit tagħha għas-sena finanzjarja 2023 laħqet 83 % għall-approprjazzjonijiet ta' impenn u 19 % għall-approprjazzjonijiet ta' pagament, li tindika li kien hemm kwistjonijiet serji relatati mal-pass tal-implimentazzjoni tal-baġit; jisħaq, b'mod partikolari, fuq ir-rata ta' eżekuzzjoni baxxa ħafna tal-approprjazzjonijiet ta' pagament iddedikati għan-nefqa operattiva, li laħqet 19 %; jinnota l-ispjegazzjoni tal-impriża konġunta iżda jesprimi dispjaċir kbir għal tali rata ta' eżekuzzjoni baxxa; jisħaq ukoll fuq ir-rati baxxi ta' eżekuzzjoni tal-approprjazzjonijiet ta' impenn u ta' pagament tiegħu ddedikati għan-nefqa amministrattiva, li laħqu 45 % u 42 % rispettivament; jinnota l-ispjegazzjoni tal-impriża konġunta u jistieden b'mod ġenerali lill-impriża konġunta biex tiżgura pass tajjeb ta' implimentazzjoni għal kull taqsima tal-baġit tagħha; jieħu nota tal-fatt li dawn l-elementi, fir-rigward tal-finanzjament miżjud li l-Impriża Konġunta għall-Computing ta' Prestazzjoni Għolja Ewropew ibbenefikat minnu fl-2023 u li l-Impriża Konġunta għall-Computing ta' Prestazzjoni Għolja Ewropew kellha timplimenta, wasslu lill-Qorti biex tqis ir-riskju għall-ġestjoni tal-baġit għal din l-impriża konġunta bħala medju; jilqa' l-informazzjoni addizzjonali pprovduta matul is-seduta ta' smigħ tal-impriża konġunta kkonċernata fil-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit għar-raġunijiet wara din ir-rata ta' eżekuzzjoni bil-mod;

(i) Il-baġit totali disponibbli fl-2023 għall-Impriża Konġunta Networks u Servizzi Intelliġenti ammonta għal EUR 134,7 miljun f'approprjazzjonijiet ta' impenn u EUR 122,9 miljun f'approprjazzjonijiet ta' pagament; jifhem ukoll li skont ir-rapport dwar il-ġestjoni baġitarja u finanzjarja tal-Impriża Konġunta Networks u Servizzi Intelliġenti, ir-rata totali ta' eżekuzzjoni tal-baġit tagħha għas-sena finanzjarja 2023 laħqet 99 % għall-approprjazzjonijiet ta' impenn u 89 % għall-approprjazzjonijiet ta' pagament; iqis li minħabba l-perjodu qasir

ta’ żmien li matulu l-impriża konġunta kisbet l-awtonomija finanzjarja fis-sena finanzjarja 2023, ma hemm l-ebda raġuni suffiċjenti li għaliha l-Parlament Ewropew seta’ jesprimi l-fehma tiegħu dwar il-kwalità tal-ġestjoni finanzjarja tal-impriża konġunta filwaqt li jagħmel dan in *bona fide*; jinnota, madankollu, li minħabba din is-sitwazzjoni, ir-riskju għal-legalità u r-regolarità tan-nefqa amministrattiva tqies bħala medju għall-impriża konġunta;

(j) Il-baġit totali disponibbli fl-2023 għall-Impriża Konġunta Saħħa Globali EDCTP3 ammonta għal EUR 136,4 miljun f’approprjazzjonijiet ta’ impenn u EUR 2,2 miljun f’approprjazzjonijiet ta’ pagament; jifhem ukoll li skont ir-rapport dwar il-ġestjoni baġitarja u finanzjarja tal-Impriża Konġunta Saħħa Globali EDCTP3, ir-rata totali ta’ eżekuzzjoni tal-baġit tagħha għas-sena finanzjarja 2023 laħqet 100 % għall-approprjazzjonijiet ta’ impenn u 47 % għall-approprjazzjonijiet ta’ pagament; iqis li minħabba l-perjodu qasir ta’ żmien li matulu l-impriża konġunta kisbet l-awtonomija finanzjarja fis-sena finanzjarja 2023, ma hemm l-ebda raġuni suffiċjenti li għaliha l-Parlament Ewropew seta’ jesprimi l-fehma tiegħu dwar il-kwalità tal-ġestjoni finanzjarja tal-impriża konġunta filwaqt li jagħmel dan in *bona fide*; jinnota, madankollu, li minħabba din is-sitwazzjoni, ir-riskju għal-legalità u r-regolarità tan-nefqa amministrattiva tqies bħala medju għall-impriża konġunta;

(k) Il-baġit totali disponibbli fl-2023 għall-Impriża Konġunta Ewropea għall-ITER u l-Iżvilupp tal-Enerġija mill-Fużjoni ammonta għal EUR 807 miljun f’approprjazzjonijiet ta’ impenn (meta mqabbel ma’ EUR 981,2 miljun fl-2022) u EUR 631,5 miljun f’approprjazzjonijiet ta’ pagament (meta mqabbel ma’ EUR 844 miljun fl-2022); jifhem ukoll li skont ir-rapport dwar il-ġestjoni baġitarja u finanzjarja tal-Impriża Konġunta Ewropea għall-ITER u l-Iżvilupp tal-Enerġija mill-Fużjoni, ir-rata totali ta’ eżekuzzjoni tal-baġit tagħha għas-sena finanzjarja 2023 laħqet 73 % għall-approprjazzjonijiet ta’ impenn u 95 % għall-approprjazzjonijiet ta’ pagament, li tindika li kien hemm kwistjonijiet serji relatati mal-pass tal-implimentazzjoni tal-baġit; jisħaq, b’mod partikolari, fuq ir-rata baxxa ta’ eżekuzzjoni tal-approprjazzjonijiet ta’ impenn iddedikati għan-nefqa operattiva, li laħqet 70 %; jinnota l-ispjegazzjoni tal-impriża konġunta u jieħu nota tat-trasferimenti li jirriżultaw li saru lura għall-kontribuzzjonijiet mill-Istat Ospitanti tal-Euratom u tal-ITER inizjalment ippjanati u jistieden b’mod ġenerali lill-impriża konġunta biex tiżgura pass tajjeb ta’ implimentazzjoni għal kull taqsima tal-baġit tagħha; jieħu nota tal-fatt li dawn l-elementi, li huma relatati mad-dewmien u d-diffikultajiet fl-implimentazzjoni, wasslu lill-Qorti biex tqis ir-riskju għall-ġestjoni tal-baġit għal din l-impriża konġunta bħala medju;

19. Itenni t-tħassib tal-Qorti fir-rigward ta’ approprjazzjonijiet mhux użati fl-implimentazzjoni ta’ programmi ta’ ċerti impriżi konġunti u jistieden lill-impriżi konġunti kkonċernati jevitaw l-okkorrenza mill-ġdid ta’ sitwazzjonijiet simili, peress li l-akkumulazzjoni ta’ approprjazzjonijiet mhux użati twassal għal surpluses ta’ flus kontanti, li għalhekk ma jkunux disponibbli għall-Unjoni għall-finanzjament ta’ attivitajiet u programmi oħra; jissottolinja li dan mhuwiex konformi mal-prinċipju ta’ ġestjoni finanzjarja tajba u rriżulta f’total ta’ EUR 1,5 biljun ta’ surplus ta’ flus kontanti għas-sena finanzjarja 2023; itenni r-rakkomandazzjoni tal-Qorti għal azzjoni f’dan ir-rigward li tirrakkomanda li l-impriżi konġunti kkonċernati għandhom jiżviluppaw mekkaniżmi korrettivi biex inaqqsu s-surpluses ta’ flus kontanti tagħhom għal livell raġonevoli u sussegwentement jallinjaw it-talbiet tagħhom għal flus għal kull sena finanzjarja mal-ħtiġijiet stmati tagħhom ta’ nfiq, f’koordinazzjoni mal-Kummissjoni; huwa konxju mill-possibbiltajiet skont ir-regoli finanzjarji tal-impriżi konġunti kkonċernati għal approprjazzjonijiet mhux użati li għandhom jiddaħħlu fl-istima tad-dħul u tan-nefqa sa tliet snin finanzjarji wara li jiġu riċevuti; huwa mħasseb, madankollu, b’mod aktar preċiż dwar:

(a) in-nuqqasijiet fl-ippjanar tal-flus tal-Impriża Konġunta Avjazzjoni Nadifa, wara t-talba għal kontribuzzjonijiet finanzjarji addizzjonali tal-Unjoni ta’ EUR 178 miljun li jaqbżu l-ħtiġijiet ta’ flus għall-pagament ippjanat fl-2023, li jirriżultaw f’surplus ta’ flus kontanti ta’ EUR 237 miljun fi tmiem l-2023; jieħu nota, madankollu, tal-ispjegazzjoni tal-impriża konġunta; itenni, madankollu, it-talba tiegħu lill-Impriża Konġunta Avjazzjoni Nadifa biex tevita l-okkorrenza mill-ġdid ta’ sitwazzjonijiet simili u jilqa’ l-aġġustamenti mħabbra mill-impriża konġunta għall-2024;

(b) in-nuqqasijiet fl-ippjanar tal-flus kontanti tal-Impriża Konġunta taċ-Ċipep, wara t-talba għal kontribuzzjonijiet finanzjarji addizzjonali tal-UE ta’ EUR 196 miljun li jaqbżu l-ħtiġijiet ta’ flus kontanti għall-pagament ippjanat fl-2023, li jirriżultaw f’surplus ta’ flus kontanti ta’ EUR 438 miljun fi tmiem l-2023; jieħu nota, madankollu, tal-ispjegazzjoni tal-impriża konġunta; itenni, madankollu, it-talba tiegħu lill-Impriża Konġunta taċ-Ċipep biex tevita l-okkorrenza mill-ġdid ta’ sitwazzjonijiet simili u jilqa’ l-ambizzjoni mħabbra mill-impriża konġunta għall-2024;

(c) in-nuqqasijiet fl-ippjanar tal-flus kontanti tal-Impriża Konġunta għall-Computing ta’ Prestazzjoni Għolja Ewropew, wara t-talba għal kontribuzzjonijiet finanzjarji addizzjonali tal-Unjoni ta’ EUR 488,6 miljun li jaqbżu l-ħtiġijiet ta’ flus kontanti għall-pagament ippjanat fl-2023, li jirriżultaw f’surplus ta’ flus kontanti ta’ EUR 840,7 miljun fi tmiem l-2023; jifhem is-sitwazzjoni li qed tiffaċċja l-impriża konġunta li wasslet għal dan is-surplus u jilqa’ l-informazzjoni addizzjonali pprovduta matul

is-seduta ta’ smigħ tal-impriża konġunta kkonċernata fil-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit, b’mod partikolari fir-rigward tal-aspettattivi għal proġetti relatati mal-Intelliġenza Artifiċjali biex tiġi pprovduta opportunità għal ħruġ ta’ flus importanti; itenni, madankollu, it-talba tiegħu lill-Impriża Konġunta għall-Computing ta’ Prestazzjoni Għolja Ewropew biex tevita l-okkorrenza mill-ġdid ta’ sitwazzjonijiet simili;

20. Jisħaq li l-impriżi konġunti kollha għandhom isaħħu l-kontrolli finanzjarji interni u l-mekkaniżmi ta’ trasparenza pubblika, filwaqt li jiżguraw li l-fondi jitqassmu b’mod effiċjenti u b’mod konsistenti mal-objettivi strateġiċi tal-UE;

21. Itenni t-tħassib tal-Qorti fir-rigward tal-kontribuzzjoni tal-membri għal ċerti impriżi konġunti, b’mod partikolari fir-rigward tal-possibbiltà li xi impriżi konġunti ma setgħux jilħqu l-miri ta’ kontribuzzjoni tagħhom jew jagħmlu dan biss permezz ta’ dipendenza għolja fuq kontribuzzjonijiet *in natura* għal attivitajiet addizzjonali u jistieden lill-impriżi konġunti kkonċernati jieħdu l-azzjonijiet kollha meħtieġa biex jipprevjenu li dawn is-sitwazzjonijiet iseħħu fil-futur; jissottolinja li l-ilħuq tal-miri ta’ kontribuzzjoni huwa r-responsabbiltà u l-obbligu tal-impriżi konġunti kkonċernati u li n-nuqqas li jintlaħqu l-miri ta’ kontribuzzjoni jmur kontra l-idea fundatriċi tal-impriżi konġunti; huwa mħasseb, b’mod aktar preċiż, dwar:

(a) is-sitwazzjoni tal-Impriża Konġunta Riċerka dwar il-Ġestjoni tat-Traffiku tal-Ajru Uniku Ewropew 3, li l-mira tal-kontribuzzjoni operattiva tagħha tal-membru tagħha Eurocontrol laħqet biss livell ta’ 70 %, li wasslet biex l-impriża konġunta ma għandhiex il-kontribuzzjonijiet ippjanati għad-dispożizzjoni tagħha biex timplimenta bis-sħiħ il-parti tagħha ta’ Orizzont 2020; jieħu nota tal-fatt li dan l-element, madankollu, ma kienx wassal lill-Qorti biex tqis ir-riskju għall-implimentazzjoni tal-programm għal din l-impriża konġunta bħala medju jew għoli, peress li dan tqies li kien baxx;

(b) is-sitwazzjoni tal-Impriża Konġunta Ewropa Ċirkolari b’Bażi Bijoloġika, li kellha prestazzjoni tajba biex tilħaq il-mira ta’ kontribuzzjoni tagħha fil-qafas ta’ Orizzont 2020, madankollu għamlet dan b’mod partikolari permezz ta’ reviżjoni tal-bilanċ bejn il-miri għal kontribuzzjonijiet *in natura* għal attivitajiet operattivi u għal kontribuzzjonijiet *in natura* għal attivitajiet addizzjonali, b’tali kontribuzzjonijiet *in natura* għal attivitajiet addizzjonali jiżdiedu għal EUR 2 444,5 miljun, li jikkorrispondu għal 90 % tal-mira ġenerali; jissottolinja li tali dipendenza fuq kontribuzzjonijiet *in natura* għal attivitajiet addizzjonali tippreżenta riskju għall-implimentazzjoni tal-programm Orizzont 2020; jissottolinja l-impatt sostanzjali tar-reviżjoni mwettqa mill-impriża konġunta; jieħu nota tal-ispjegazzjoni tal-impriża

konġunta u tal-fatt li attivitajiet addizzjonali jikkontribwixxu għall-objettivi ġenerali tal-impriża konġunta; jisħaq, madankollu, li dan jikkostitwixxi dipendenza eċċessiva fuq kontribuzzjoni *in natura* għal attivitajiet addizzjonali biex jintlaħqu l-miri stabbiliti u jistieden lill-impriża konġunta tevita l-okkorrenza mill-ġdid ta' tali sitwazzjoni; jieħu nota tal-fatt li dawn l-elementi wasslu lill-Qorti biex tqis ir-riskju għall-implimentazzjoni tal-programm għal din l-impriża konġunta bħala għoli;

(c) is-sitwazzjoni tal-Impriża Konġunta għall-Computing ta' Prestazzjoni Għolja Ewropew, li l-kontribuzzjoni tagħha minn membri privati fil-qafas ta' Orizzont 2020 laħqet biss ammont irrapportat ta' EUR 18,4-il miljun meta mqabbel ma' mira ta' EUR 420 miljun, li jikkostitwixxi differenza severa; jinnota wkoll li tali sitwazzjoni tista' terġa' sseħħ fil-qafas ta' Orizzont Ewropa u Ewropa Diġitali peress li l-mira tal-kontribuzzjoni għall-membri privati żdiedet b'mod sinifikanti għal EUR 900 miljun filwaqt li l-arranġamenti ta' finanzjament li kkawżaw diffikultajiet għall-membri privati fil-qafas ta' Orizzont 2020 għadhom fis-seħħ; jieħu nota tal-fatt li dawn l-elementi wasslu lill-Qorti biex tqis ir-riskju għall-implimentazzjoni tal-programm għal din l-impriża konġunta bħala għoli; jifhem mill-informazzjoni addizzjonali pprovduta matul is-smigħ tal-impriża konġunta kkonċernata fil-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit li din il-kwistjoni qed tiġi indirizzata f'kooperazzjoni mal-Bord tat-Tmexxija; itenni, madankollu, ir-rakkomandazzjoni tal-Qorti għal azzjoni f'dan ir-rigward li tirrakkomanda li l-Impriża Konġunta għall-Computing ta' Prestazzjoni Għolja Ewropew għandha tappoġġja l-valutazzjoni mill-ġdid tal-Kummissjoni tal-mira attwali sabiex tiżgura li tkun tista' tilħaq il-mira ta' kontribuzzjoni tagħha għall-membri privati fil-qafas ta' Orizzont Ewropa u Ewropa Diġitali u jisħaq għal darb'oħra li l-ilħuq tal-miri ta' kontribuzzjoni ma għandux jitqies sempliċiment bħala ambizzjoni iżda bħala dmir;

22. Jissottolinja li biex tiġi promossa effiċjenza aħjar, l-Att Bażiku Uniku tal-impriżi konġunti jipprevedi obbligu għall-impriżi konġunti li jiksbu sinerġiji permezz tal-istabbiliment ta' arranġamenti back-office li joperaw f'serje ta' oqsma identifikati; jifhem li ġew identifikati erba' oqsma bħala prijorità mill-impriżi konġunti kkonċernati, jiġifieri l-attivitajiet ta' kontabbiltà, l-attivitajiet legali, it-teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni u r-riżorsi umani; jilqa' b'mod partikolari f'dak ir-rigward:

(a) il-fatt li l-arranġamenti tal-back-office ddedikati għall-attivitajiet ta' kontabbiltà ilhom joperaw minn Diċembru 2022 u għalhekk kienu qed joperaw għas-sena finanzjarja 2023 kollha, li jista' jiġi osservat fil-produzzjoni tal-kontijiet annwali kif ukoll il-fatt li l-Impriża Konġunta Sistema Ferrovjarja Ewropea ħadet it-tmexxija fl-operat ta' dawn l-arranġamenti tal-back-office;

(b) il-fatt li l-Impriża Konġunta Ewropa Ċirkolari b'Bażi Bijoloġika u l-Impriża Konġunta Inizjattiva għal Saħħa Innovattiva ħadu t-tmexxija fl-operat ta' arranġamenti back-office għall-ġestjoni ta' reklutaġġ komuni, il-qafas legali tar-riżorsi umani u d-diġitalizzazzjoni tar-riżorsi umani;

(c) il-fatt li l-Impriża Konġunta Idroġenu Nadif u l-Impriża Konġunta Inizjattiva għal Saħħa Innovattiva ħadu t-tmexxija fl-operat ta' arranġamenti back-office għall-ġestjoni ta' servizzi tat-Teknoloġiji tal-Informazzjoni u l-Komunikazzjoni;

(d) il-fatt li l-Impriża Konġunta Avjazzjoni Nadifa, l-Impriża Konġunta Sistema Ferrovjarja Ewropea u l-Impriża Konġunta għall-Computing ta' Prestazzjoni Għolja Ewropew ħadu t-tmexxija fl-operat ta' arranġamenti back-office għall-ġestjoni ta' akkwisti amministrattivi;

(e) il-fatt li l-impriżi konġunti qed jimplimentaw aktar il-pjan strateġiku konġunt tal-ICT tal-impriżi konġunti li jinsabu fil-binja White Atrium;

23. Jistieden lill-impriżi konġunti kkonċernati mill-obbligu skont l-Att Bażiku Uniku jżommu r-rapportar dwar l-istabbiliment tagħhom ta' arranġamenti back-office, jipprovdu informazzjoni ċara dwar liema impriżi konġunti joperaw kompiti għal impriżi konġunti oħra f'ċerti oqsma, jinkludu mill-aktar fis possibbli l-komunikazzjoni, il-loġistika, l-avvenimenti u l-ġestjoni tal-kmamar tal-laqgħat kif ukoll l-appoġġ għall-istrateġiji tal-awditjar u kontra l-frodi fil-lista ta' prijoritajiet u jipprovdu informazzjoni dwar l-oqsma li għandhom jitqiesu għall-istabbiliment ta' arranġamenti back-office fil-futur, ladarba jkunu ġew konklużi l-arranġamenti fl-oqsma identifikati bħala prijorità;

Akkwist u sejħiet għall-offerti

24. Itenni t-tħassib tal-Qorti fir-rigward tal-proċeduri ta' akkwist u jistieden lill-impriżi konġunti jiżguraw li l-konformità mad-dispożizzjonijiet legali rilevanti u l-kumplessità meħtieġa ta' ċerti proċeduri ta' akkwist ma jwasslux għal riskju akbar għal-legalità u r-regolarità tan-nefqa operattiva; huwa mħasseb, b'mod aktar preċiż, dwar:

(a) is-sitwazzjonijiet tal-Impriża Konġunta Inizjattiva għal Saħħa Innovattiva u tal-Impriża Konġunta taċ-Ċipep, li għalihom it-tnejn il-Qorti osservat dgħufijiet fit-tfassil u fl-evalwazzjoni ta' proċedura waħda sinifikanti ta' akkwist; jieħu nota tal-fatt li dan l-element, madankollu, ma kienx wassal lill-Qorti biex tqis ir-riskju għan-nefqa ta' kontroll operattiva għal din l-impriża konġunta bħala medju jew għoli; jisħaq, madankollu, fuq il-fatt li tali dgħufijiet jistgħu jirriżultaw f'kuntratti u f'pagamenti irregolari jekk ma jiġux indirizzati fi proċeduri ta' akkwist futuri; jilqa' l-prontezza tal-impriżi konġunti li jieħdu azzjoni dwar dawn

il-każijiet speċifiċi u li jtejbu l-proċessi ta’ akkwist tagħhom;

(b) il-fatt li l-Qorti evalwat ir-riskju għan-nefqa kuntrattwali operattiva bħala medju għall-Impriża Konġunta għall-Computing ta’ Prestazzjoni Għolja Ewropew u għall-Impriża Konġunta Ewropea għall-ITER u l-Iżvilupp tal-Enerġija mill-Fużjoni minħabba l-proċeduri kumplessi ta’ akkwist tagħhom għal kuntratti ta’ valur għoli;

25. Jissottolinja l-esponiment finanzjarju tal-Impriża Konġunta għall-Computing ta’ Prestazzjoni Għolja Ewropew għal fornitur li qed jiffaċċja diffikultajiet, u li l-impriża konġunta tevalwa li jvarja minn impatt baxx potenzjali ta’ EUR 0 għal impatt massimu stmat ta’ EUR 88 miljun; jifhem mill-kontijiet annwali tal-impriża konġunta li din is-sitwazzjoni qed tiġi skrutinizzata bir-reqqa; jistieden lill-impriża konġunta tieħu l-azzjonijiet kollha meħtieġa biex timminimizza l-obbligazzjonijiet finanzjarji; jilqa’ l-informazzjoni addizzjonali pprovduta matul is-seduta ta’ smigħ tal-impriża konġunta kkonċernata fil-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit, speċjalment fir-rigward tal-garanziji addizzjonali mitluba mill-impriża konġunta kkonċernata biex timminimizza din l-obbligazzjoni finanzjarja kif ukoll l-ispjegazzjoni pprovduta dwar ir-rwol ewlieni ta’ dan il-fornitur speċifiku;

26. Jieħu nota tal-fatt li l-livelli ta’ dettall u l-livell ta’ aċċessibbiltà jvarjaw fir-rigward tad-data kwantitattiva pprovduta mill-impriżi konġunti dwar il-bilanċ bejn il-ġeneri ta’ esperti magħżula biex jaħdmu mal-impriżi konġunti; jistieden lill-impriżi konġunti kollha jżidu t-trasparenza u jinkludu data kwantitattiva ċara dwar il-bilanċ bejn il-ġeneri fost l-esperti magħżula fir-Rapporti Annwali tal-Attività futuri tagħhom; jistieden lill-impriżi konġunti kollha jintensifikaw l-isforzi tagħhom biex jippromwovu il-bilanċ bejn il-ġeneri fil-livelli kollha u jiżguraw li l-bilanċ bejn il-ġeneri jibqa’ prijorità orizzontali fl-attivitajiet kollha relatati mal-akkwist, mal-għotjiet u mal-offerti, kif ukoll jipprovdu spjegazzjonijiet meta ma jkunx jista’ jinkiseb bilanċ bejn il-ġeneri;

27. Jieħu nota tal-fatt li l-livelli ta’ dettall u l-livell ta’ aċċessibbiltà jvarjaw fir-rigward tad-data kwantitattiva pprovduta mill-impriżi konġunti dwar id-distribuzzjoni ġeografika tal-esperti magħżula biex jaħdmu mal-impriżi konġunti; jistieden lill-impriżi konġunti kollha biex jinkludu data kwantitattiva ċara dwar id-distribuzzjoni ġeografika tal-esperti magħżula fir-Rapporti Annwali tal-Attività futuri tagħhom; jistieden lill-impriżi konġunti kollha jiżguraw li d-distribuzzjoni ġeografika tibqa’ prijorità orizzontali fl-attivitajiet kollha relatati mal-akkwist, mal-għotjiet u mal-offerti u jipprovdu spjegazzjonijiet meta ma tkunx tista’ tinkiseb distribuzzjoni ġeografika suffiċjenti;

28. Jappella għal distribuzzjoni ġeografika ġusta u ekwa tal-finanzjament

mill-impriżi konġunti, filwaqt li jiġi żgurat li r-reġjuni b'kapaċità ta' innovazzjoni aktar baxxa u l-SMEs jirċievu appoġġ adegwat;

Persunal u reklutaġġ

29. Huwa mħasseb dwar is-sitwazzjoni attwali tar-reklutaġġ fl-Impriża Konġunta għall-Computing ta' Prestazzjoni Għolja Ewropew, li rċeviet 39 pożizzjoni addizzjonali li għandhom jiġu rreklutati sa tmiem is-sena finanzjarja 2023 sabiex jiġu implimentati l-fondi sinifikanti riċevuti taħt il-qafas finanzjarju pluriennali attwali iżda li rnexxielha tirrekluta biss 21 membru tal-persunal addizzjonali; huwa mħasseb ukoll dwar il-valutazzjoni tal-Qorti li ddeterminat li l-proċeduri ta' reklutaġġ tal-impriżi konġunti ma kinux trasparenti biżżejjed minħabba nuqqas ta' tabelli tal-punti ċari u miftiehma minn qabel biex jiġu vvalutati l-kandidati u l-kwalifiki tagħhom kif ukoll minħabba nuqqas ta' dokumentazzjoni suffiċjenti dwar il-proċess sottostanti tat-teħid tad-deċiżjonijiet; jesprimi dispjaċir li fil-fehma tal-Qorti, din is-sitwazzjoni setgħet irriżultat f'nuqqas ta' trattament ugwali tal-kandidati; ifakkar li huwa ta' importanza kbira li tiġi evitata l-applikazzjoni ta' standards doppji matul il-proċess ta' reklutaġġ u jitlob li jittieħdu l-azzjonijiet kollha meħtieġa f'dan ir-rigward; itenni r-rakkomandazzjoni tal-Qorti għal azzjoni f'dan ir-rigward li tirrakkomanda li l-Impriża Konġunta għall-Computing ta' Prestazzjoni Għolja Ewropew għandha tuża ż-żieda fil-persunal tagħha b'mod effettiv biex tilħaq il-mira ta' reklutaġġ tagħha sal-aħħar tal-2024 u li, sabiex iżżid it-trasparenza tal-proċeduri ta' reklutaġġ tagħha u tissostanzja l-proċessi ta' teħid ta' deċiżjonijiet tal-kumitat tal-għażla, l-Impriża Konġunta għall-Computing ta' Prestazzjoni Għolja Ewropew għandha tuża tabella tal-punti miftiehma minn qabel matul il-fażi ta' qabel l-għażla, f'konformità mal-prattika ta' impriżi konġunti u korpi tal-Unjoni oħra; jilqa' l-prontezza tal-impriża konġunta li tintegra r-rakkomandazzjonijiet għat-titjib;

30. Jenfasizza l-ħtieġa ta' politika tal-persunal koerenti u ġusta fl-impriżi konġunti kollha biex jiġu żgurati kundizzjonijiet tax-xogħol adegwati u inklużivi, opportunitajiet ta' żvilupp tal-karriera u bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata għall-persunal; jitlob l-implimentazzjoni ta' miżuri li jipprevjenu dipendenza eċċessiva fuq kuntratti temporanji u impjieg prekarju; jissottolinja l-importanza ta' strutturi ta' appoġġ għas-saħħa mentali, arranġamenti tax-xogħol flessibbli, u opportunitajiet ta' promozzjoni interni ġusti biex jittejjeb il-benesseri tal-persunal;

31. Jistieden lill-impriżi konġunti kollha jimplimentaw miżuri konkreti biex itejbu l-bilanċ bejn il-ġeneri fil-pożizzjonijiet ta' tmexxija u fil-korpi tat-teħid tad-deċiżjonijiet, inkluż l-istabbiliment ta' miri ta' bilanċ bejn il-ġeneri u l-monitoraġġ regolari tal-progress; jisħaq fuq il-ħtieġa li jiġu indirizzati d-differenzi fil-pagi bejn il-ġeneri u li jiġu żgurati opportunitajiet indaqs għall-avvanz fil-karriera;

32. Jieħu nota tal-fatt li l-Qorti qieset li r-riskju għal-legalità u r-regolarità tan-nefqa amministrattiva huwa baxx għall-impriżi konġunti kollha ħlief għall-Impriża Konġunta taċ-Ċipep u għall-Impriża Konġunta għall-Computing ta' Prestazzjoni Għolja Ewropew, li għalihom tqies li huwa medju minħabba l-livell għoli ta' reklutaġġ tagħhom, kif ukoll għall-Impriża Konġunta Networks u Servizzi Intelliġenti u l-Impriża Konġunta Saħħa Globali EDCTP3, minħabba l-awtonomija finanzjarja reċenti tagħhom;

33. Huwa mħasseb dwar is-sitwazzjoni tal-Impriża Konġunta Ewropea għall-ITER u l-Iżvilupp tal-Enerġija mill-Fużjoni fir-rigward ta' aspetti differenti relatati mal-ġestjoni tar-riżorsi umani osservati mill-Qorti, speċjalment fir-rigward tal-użu ta' fornituri esterni tas-servizzi, b'mod partikolari:

    (a) id-dipendenza importanti tal-impriża konġunta fuq fornituri esterni tas-servizzi, peress li ġie osservat li kważi nofs il-persunal tal-impriża konġunta kien jikkonsisti minn fornituri esterni tas-servizzi (361 fornitur estern tas-servizzi u 429 persunal statutorju fl-2023) li jagħmel dik is-sitwazzjoni kwistjoni kritika b'impatt potenzjali fuq skala kbira fuq il-kapaċità tal-impriża konġunta li timmaniġġja r-riżorsi umani tagħha b'mod sostenibbli filwaqt li tiżgura kapaċità għaż-żamma tal-għarfien u tal-memorja istituzzjonali, li jippermetti wkoll titjib finanzjarju fit-tul;

    (b) il-fatt li l-impriża konġunta ma adottatx definizzjoni formali unika ta' fornituri esterni tas-servizzi, li rriżulta f'nuqqas ta' ċarezza fil-valutazzjoni tagħha tal-impatt tagħhom fuq il-ħtiġijiet tal-persunal statutorju; jinnota wkoll li r-reġistru tar-riskju tal-impriża konġunta ma kienx jinkludi r-riskji potenzjali kollha relatati ma' livell għoli ta' dipendenza fuq fornituri esterni tas-servizzi fit-tul, li jista' jipprevjeni l-kontroll intern tal-impriża konġunta milli jkollha miżuri ta' mitigazzjoni adegwati stabbiliti biex tindirizza dawk ir-riskji;

    (c) is-sejbiet tal-awditu mwettaq dwar din il-kwistjoni mis-servizz tal-awditjar intern tal-Kummissjoni li żvelaw li l-impriża konġunta ma kinitx stabbiliet funzjoni ċentralizzata għall-koordinazzjoni u l-ġestjoni tal-fornituri esterni tas-servizzi, u lanqas ma kienet stabbiliet metodoloġija għall-valutazzjoni tal-ħtiġijiet aggregati tar-riżorsi umani tagħha, u b'mod partikolari l-ħtiġijiet tagħha għall-fornituri esterni tas-servizzi; jissottolinja li ġie osservat li d-deċiżjoni tal-impriża konġunta dwar l-użu ta' fornituri esterni tas-servizzi kienet għalhekk ibbażata fuq tħassib baġitarju aktar milli fuq il-ħtiġijiet tar-riżorsi umani;

    (d) in-nuqqas ta' trasparenza fir-rapportar tal-impriża konġunta dwar ir-riżorsi umani tagħha; b'mod partikolari fir-rigward tal-preżentazzjoni ta' ċifri tal-persunal permanenti u mhux

permanenti, minħabba li 224 mit-386 membru tal-persunal temporanju u kuntrattwali fir-realtà kellhom kuntratt indefinit u għalhekk setgħu jitqiesu bħala persunal permanenti minn perspettiva prattika; jistieden lill-impriża konġunta tissottolinja tali sfumaturi fil-futur fir-rapportar tagħha dwar ir-riżorsi umani;

(e) itenni r-rakkomandazzjoni tal-Qorti għal azzjoni li tirrakkomanda li l-Impriża Konġunta Ewropea għall-ITER u l-Iżvilupp tal-Enerġija mill-Fużjoni għandha tistabbilixxi funzjoni ta' koordinazzjoni u ġestjoni ċentralizzata għall-fornituri esterni tas-servizzi u tadotta metodoloġija komprensiva biex tivvaluta regolarment il-ħtiġijiet totali tar-riżorsi umani tagħha abbażi tal-ammont ta' xogħol mistenni u l-ħiliet meħtieġa u li l-impriża konġunta kkonċernata għandha tissupplimenta wkoll ir-reġistru tar-riskju tagħha bl-aktar riskji importanti li jirriżultaw mil-livell għoli ta' użu tagħha ta' forniturі esterni tas-servizzi fit-tul;

(f) jilqa' l-impenji li għamlet l-impriża konġunta u jilqa' l-ispjegazzjoni tagħha tal-isfidi li jwasslu għal użu importanti tal-forniturі esterni tas-servizzi; huwa mħasseb, madankollu, dwar din id-dipendenza importanti u r-riskji relatati; jistieden lill-impriża konġunta tipprovdi informazzjoni aktar dettaljata fil-futur dwar il-proċessi tat-teħid tad-deċiżjonijiet li jwasslu għall-użu ta' forniturі esterni tas-servizzi;

34. Jieħu nota tal-fatt li l-livelli ta' dettall u l-livell ta' aċċessibbiltà jvarjaw fir-rigward tad-data kwantitattiva pprovduta mill-impriżi konġunti dwar il-bilanċ bejn il-ġeneri fost il-persunal tagħhom u fi ħdan il-korpi u l-istrutturi governattivi tagħhom fir-Rapporti Annwali tal-Attività tagħhom; jistieden lill-impriżi konġunti kollha jinkludu taqsima ċara ddedikata għal data kwantitattiva dwar il-bilanċ bejn il-ġeneri fost il-persunal tagħhom u fil-korpi u l-istrutturi ta' tmexxija tagħhom fir-Rapporti Annwali tal-Attività futuri tagħhom, inkluża d-diżaggregazzjoni tad-data bejn livelli differenti ta' responsabbiltà u tipi differenti ta' kuntratti; jistieden lill-impriżi konġunti kollha jiżguraw li l-bilanċ bejn il-ġeneri jibqa' objettiv fil-livelli kollha ta' responsabbiltà u jippersistu fl-isforzi tagħhom biex isaħħuh, sabiex tiġi żgurata rappreżentanza ġusta tas-soċjetà fil-persunal tagħhom u jippromwovu ambjent tax-xogħol b'saħħtu u produttiv u jipprovdu spjegazzjonijiet meta ma jkunx jista' jintlaħaq bilanċ bejn il-ġeneri;

35. Jieħu nota tal-fatt li l-livelli ta' dettall u l-livell ta' aċċessibbiltà jvarjaw fir-rigward tad-data kwantitattiva pprovduta mill-impriżi konġunti dwar id-distribuzzjoni ġeografika fil-persunal tagħhom u fil-korpi u l-istrutturi governattivi tagħhom fir-Rapporti Annwali tal-Attività tagħhom; jistieden lill-impriżi konġunti kollha jinkludu taqsima ċara ddedikata għad-data kwantitattiva dwar id-distribuzzjoni ġeografika fost il-persunal tagħhom u fil-korpi u l-istrutturi governattivi tagħhom fir-Rapporti Annwali tal-Attività futuri tagħhom, inkluża d-diżaggregazzjoni tad-data bejn livelli differenti

ta’ responsabbiltà u tipi differenti ta’ kuntratti; jistieden lill-impriżi konġunti kollha jiżguraw li distribuzzjoni ġeografika sodisfaċenti tibqa’ objettiv fil-livelli kollha ta’ responsabbiltà u jipprovdu spjegazzjonijiet meta ma tkunx tista’ tinkiseb distribuzzjoni ġeografika suffiċjenti;

36. Jilqa’ l-ħidma tan-Network tal-Aġenziji tal-UE (EUAN) u tal-Grupp ta’ Ħidma dwar id-Diversità u l-Inklużjoni tiegħu li wasslet għall-Karta tal-EUAN dwar id-Diversità u l-Inklużjoni; jistieden lill-impriżi konġunti jadottaw din il-Karta;

37. Jissottolinja li l-impriżi konġunti għandhom jiżguraw li l-proġetti ffinanzjati jikkontribwixxu għall-benesseri u l-inklużività soċjali, jirrispettaw id-drittijiet tal-ħaddiema u l-kundizzjonijiet tax-xogħol u jallinjaw mal-prinċipji ta’ tranżizzjoni ġusta lejn teknoloġiji sostenibbli;

Sistemi ta’ ġestjoni u kontroll

38. Jilqa’ l-ħidma tal-Qorti dwar l-eżami tal-pagamenti ta’ għotjiet li saret mill-għaxar impriżi konġunti li jimplimentaw proġetti ta’ riċerka u innovazzjoni, speċjalment fir-rigward tal-awditjar komplementari tagħha ta’ kampjun ta’ pagamenti ta’ għotjiet fil-livell tal-benefiċjarji fil-qafas ta’ Orizzont 2020; huwa mħasseb bir-riżultati ta’ dan l-eżami li wrew li kien hemm żbalji sistemiċi persistenti, speċjalment fir-rigward tal-ispejjeż iddikjarati tal-persunal u tat-tagħmir; jitlob korrezzjoni tal-iżbalji sistemiċi;

39. Jissottolinja li l-Qorti sabet każ wieħed ta’ żball kwantifikat u serju fil-pagamenti fil-qafas ta’ Orizzont 2020 għall-Impriża Konġunta Avjazzjoni Nadifa, għall-Impriża Konġunta Inizjattiva għal Saħħa Innovattiva, għall-Impriża Konġunta Idroġenu Nadif, għall-Impriża Konġunta Ewropa Ċirkolari b’Bażi Bijoloġika, kif ukoll għall-Impriża Konġunta Sistema Ferrovjarja Ewropea; jilqa’ l-inizjattivi meħuda f’dan ir-rigward biex titqajjem sensibilizzazzjoni fil-livell tal-benefiċjarji; jistieden lill-impriżi konġunti kollha biex jiżguraw il-legalità u r-regolarità tan-nefqa operattiva u jissottolinja li l-Qorti qieset ir-riskju għall-pagamenti *interim* u finali tal-għotjiet tal-impriżi konġunti bħala medju;

40. Jistieden lill-Kummissjoni tippreżenta: i) taħriġ finanzjarju obbligatorju għall-benefiċjarji tal-impriżi konġunti sabiex jiġu evitati żbalji kontabilistiċi rikorrenti; ii) għodod ta’ verifika awtomatizzati biex tittejjeb l-akkuratezza fil-kalkoli tal-ispejjeż tal-persunal; iii) proċeduri tal-awditjar *ex ante* aktar b’saħħithom biex jiġi żgurat l-użu xieraq tal-fondi tal-Unjoni;

41. Jilqa’ l-fatt li skont l-estrapolazzjoni tal-Qorti għall-impriżi konġunti kollha, ir-rata medja ta’ żball hija ftit anqas mil-livell limitu ta’ materjalità ta’ 2 % għan-nefqa fuq l-għotjiet, kif ukoll il-fatt li r-rati tal-iżball residwu kkalkolati mis-servizz tal-awditjar komuni tal-

Kummissjoni kienu wkoll taħt il-livell limitu ta’ materjalità;

42. Jieħu nota tal-fatt li l-għadd ta’ pagamenti *interim* ta’ Orizzont Ewropa u Ewropa Diġitali kien żgħir wisq biex jidher fil-kampjun awditjat mill-Qorti fl-2023;

43. Jieħu nota tal-fatt li kien hemm diversi bidliet fil-qafas ta’ kontroll intern ta’ impriżi konġunti fl-ambitu ta’ Orizzont Ewropa, b’mod partikolari l-fatt li l-Kummissjoni ma għadhiex beħsiebha tagħmel awditi *ex post* rappreżentattivi speċifiċi f’isem il-partijiet ikkonċernati individwali ta’ Orizzont Ewropa, bħall-impriżi konġunti; jinnota wkoll li l-Kummissjoni qed tippjana li tapplika l-istess bidla għall-pagamenti ta’ għotjiet fil-qafas ta’ Ewropa Diġitali;

44. Huwa mħasseb dwar in-nuqqas ta’ komunikazzjoni, kollaborazzjoni u koordinazzjoni bejn il-ġestjoni tar-riskju tal-Impriża Konġunta Ewropea għall-ITER u l-Iżvilupp tal-Enerġija mill-Fużjoni u l-funzjonijiet tal-awditjar intern tagħha, kif ukoll dwar in-nuqqas relatat ta’ proċess integrat għall-ġestjoni tar-riskju u l-fatt li l-impriża konġunta ma setgħetx tipprovdi evidenza sodisfaċenti li hija tuża regolarment informazzjoni dwar il-ġestjoni tar-riskju meta tippjana attivitajiet tal-awditjar intern; itenni r-rakkomandazzjoni tal-Qorti għal azzjoni f’dan ir-rigward li tirrakkomanda li l-impriża konġunta kkonċernata timplimenta proċess integrat ta’ ġestjoni tar-riskju fil-qafas ta’ kontroll intern tagħha sabiex timmaniġġja r-riskji tagħha b’mod effettiv; jilqa’ l-pjanijiet tal-impriża konġunta biex tieħu azzjoni dwar din il-kwistjoni;

45. Jissottolinja l-importanza li jiġi implimentat pjan komprensiv u aġġornat ta’ kontinwità tal-operat u pjan ta’ rkupru minn diżastri għall-impriżi konġunti; jesprimi dispjaċir f’dak ir-rigward li fi tmiem is-sena finanzjarja 2023, l-impriżi konġunti, bl-eċċezzjoni tal-Impriża Konġunta Ewropea għall-ITER u l-Iżvilupp tal-Enerġija mill-Fużjoni, ma kellhomx politika sodisfaċenti fis-seħħ f’dan ir-rigward; jilqa’ l-pjanijiet tal-impriża konġunta biex tieħu azzjoni dwar din il-kwistjoni;

46. Jirrimarka li l-Impriża Konġunta Networks u Servizzi Intelliġenti u l-Impriża Konġunta Saħħa Globali EDCTP3 għadhom ma implimentawx bis-sħiħ il-qafas ta’ kontroll intern tal-Kummissjoni u jistieden lil dawn iż-żewġ impriżi konġunti jimplimentaw bis-sħiħ dak il-qafas;

Frodi, etika u kunflitti ta’ interess

47. Jieħu nota tal-fatt li l-Qorti għamlet notifika waħda ta’ frodi suspettata lill-Uffiċċju Ewropew kontra l-Frodi (OLAF) matul l-awditu tagħha tas-sena finanzjarja 2023; jifhem li l-każ ġie miċħud aktar tard mill-OLAF peress li ma ġiet osservata l-ebda frodi fir-rigward tal-kwistjoni tal-persunal ikkonċernat; jilqa’ d-diliġenza tal-Qorti u l-kooperazzjoni fl-arkitettura kontra l-frodi;

48. Jissottolinja l-importanza li tiġi implimentata politika ta’ kontroll intern dwar funzjonijiet sensittivi għall-impriżi konġunti; jisħaq li tali politika tista’ tipprevjeni u ttaffi r-riskju ta’ azzjoni mhux xierqa jew frodulenti; jesprimi dispjaċir li fi tmiem is-sena finanzjarja 2023, l-Impriża Konġunta Riċerka dwar il-Ġestjoni tat-Traffiku tal-Ajru Uniku Ewropew 3, l-Impriża Konġunta Idroġenu Nadif, l-Impriża Konġunta taċ-Ċipep, l-Impriża Konġunta għall-Computing ta’ Prestazzjoni Għolja Ewropew kif ukoll l-Impriża Konġunta Ewropea għall-ITER u l-Iżvilupp tal-Enerġija mill-Fużjoni kien għad ma kellhomx politika f’dak ir-rigward; jisħaq fuq in-natura kritika ta’ din is-sitwazzjoni u jħeġġeġ lill-impriżi konġunti jieħdu azzjoni mingħajr dewmien bla bżonn;

49. Jieħu nota tas-sitwazzjoni fl-Impriża Konġunta taċ-Ċipep imsemmija mill-Qorti, li rat wieħed mill-membri preċedenti tal-persunal superjuri tagħha li kien telaq mill-impriża konġunta reċentement jibda attività okkupazzjonali ġdida mingħajr avviż minn qabel lill-impriża konġunta kkonċernata; jistieden lill-impriża konġunta kkonċernata u lill-impriżi konġunti l-oħra kollha jwettqu monitoraġġ attiv tal-attivitajiet tax-xogħol ġodda tal-membri preċedenti tal-persunal superjuri kif ukoll tal-membri tal-persunal li għandhom funzjoni sensittiva; jilqa’ l-informazzjoni addizzjonali pprovduta mill-impriża konġunta kkonċernata dwar dan il-każ speċifiku;

50. Jistieden lill-impriżi konġunti kollha jsaħħu l-politiki ta’ trasparenza tagħhom, b’mod partikolari fir-rigward tal-kunflitti ta’ interess potenzjali; iħeġġeġ lill-impriżi konġunti jippubblikaw dikjarazzjonijiet ta’ interess għall-membri tagħhom tal-bordijiet maniġerjali, tal-kumitati xjentifiċi, u tal-esperti esterni, filwaqt li jiżguraw li kwalunkwe rabta finanzjarja, professjonali jew personali mal-entitajiet li jibbenefikaw minn finanzjament mill-impriżi konġunti tiġi żvelata; jinsisti fuq l-introduzzjoni ta’ perjodu obbligatorju ta’ “preklużjoni” għall-persunal superjuri tal-impriżi konġunti qabel ma jkunu jistgħu jibdew jaħdmu f’organizzazzjonijiet li jirċievu finanzjament mill-impriżi konġunti;

51. Jieħu nota tal-informazzjoni rrapportata mill-impriżi konġunti dwar l-attivitajiet tagħhom relatati mal-prevenzjoni, mad-detezzjoni u mal-korrezzjoni tal-frodi; jistieden lill-impriżi konġunti kollha jsaħħu r-rwol tagħhom u jidentifikaw id-dgħufijiet tagħhom billi jinvolvu ruħhom aktar f’diskussjonijiet ta’ kontra l-frodi u jirrapportaw dwar tali elementi kif ukoll jinkludu fir-rapporti futuri tagħhom preżentazzjoni ċara tal-qafas legali u tal-politiki stabbiliti f’dan ir-rigward;

Rimarki dwar is-segwitu tal-impriżi konġunti għall-eżerċizzju ta’ kwittanza preċedenti

52. Jilqa’ l-fatt li l-impriżi konġunti fasslu rapport ta’ segwitu għar-riżoluzzjonijiet tal-Parlament Ewropew b’osservazzjonijiet li

jifformaw parti integrali mid-deċiżjonijiet dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-impriżi konġunti għas-sena finanzjarja 2022; jinnota li dawn ir-rapporti jipprovdu l-fehmiet tal-impriżi konġunti dwar il-kwistjonijiet issottolinjati mill-Parlament Ewropew b'mod sodisfaċenti;

53. Jilqa' l-fatt li r-rapport tal-Qorti jinkludi wkoll analiżi tas-segwitu tal-impriżi konġunti għall-osservazzjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet preċedenti għall-azzjonijiet ippubblikati mill-Qorti; jinnota f'dan ir-rigward li minn 37 osservazzjoni mhux indirizzati biżżejjed fi tmiem l-2022, 16 ingħalqu u 21 baqgħu miftuħa fi tmiem l-2023; jinnota wkoll li mill-15-il azzjoni rakkomandata fir-rapporti annwali tal-2021 u tal-2022, disgħa ġew implimentati bis-sħiħ, tnejn fil-biċċa l-kbira tal-aspetti, tlieta f'xi aspetti u azzjoni waħda ma ġiet implimentata bl-ebda mod; jifhem li xi rakkomandazzjonijiet li għad iridu jiġu implimentati aktar huma relatati prinċipalment ma' kwistjonijiet ta' riżorsi umani li l-impriżi konġunti jistgħu jimplimentaw biss f'kooperazzjoni mad-Direttorat Ġenerali għall-Baġit tal-Kummissjoni u ladarba l-applikazzjonijiet ikunu lesti li jiġu implimentati; jifhem li r-rakkomandazzjonijiet li kellhom jiġu implimentati qabel tmiem l-2023 ġew implimentati fi żmien xieraq;

54. Jilqa' l-fatt li l-Qorti issa pprovdiet skadenza għall-implimentazzjoni għal kull waħda mir-rakkomandazzjonijiet għal azzjoni miftuħa tagħha, li ġew iddefiniti f'kooperazzjoni mal-impriżi konġunti biex tiġi żgurata l-fattibbiltà tagħhom; jistieden lill-impriżi konġunti kollha jkomplu jirrapportaw lill-Qorti u lill-Parlament Ewropew dwar dawn il-kwistjonijiet;

55. Jinnota bi tħassib l-isfidi persistenti relatati mal-ispejjeż żejda, id-dewmien, u l-kwistjonijiet ta' governanza fl-implimentazzjoni tal-proġett ITER; jitlob sorveljanza finanzjarja mtejba u trasparenza baġitarja msaħħa, inkluż rapportar pubbliku aktar dettaljat dwar l-iżviluppi fl-ispejjeż, l-effiċjenza tal-infiq u l-progress lejn stadji importanti ewlenin tal-proġetti; jisħaq fuq il-ħtieġa ta' mekkaniżmi ta' awditjar aktar stretti biex jiġi żgurat li l-kontribuzzjonijiet tal-Unjoni għall-proġett jintużaw b'mod effettiv; iħeġġeġ lill-impriża konġunta ssaħħaħ il-governanza interna billi tiżgura evalwazzjonijiet regolari u indipendenti tar-riskji tal-proġetti u billi żżid il-mekkaniżmi ta' obbligu ta' rendikont għall-maniġment superjuri;

Prijoritajiet oħra għall-impriżi konġunti

56. Huwa konxju mir-restrizzjonijiet amministrattivi u baġitarji tal-impriżi konġunti u fir-rigward ta' dawn ir-restrizzjonijiet, jistieden lill-impriżi konġunti jxerrdu aħjar il-kontribut tagħhom għall-attivitajiet ta' riċerka u innovazzjoni permezz ta' materjal ta' komunikazzjoni aċċessibbli maħsub għall-istituzzjonijiet akkademiċi u tar-riċerka, għall-organizzazzjonijiet pubbliċi u privati u għall-awtoritajiet Ewropej u nazzjonali; jitlob li dan il-materjal ta'

komunikazzjoni aċċessibbli jippromwovi l-opportunitajiet għall-kuntratti ta' akkwist u l-għotjiet offruti mill-impriżi konġunti fil-qasam tal-attivitajiet ta' riċerka u innovazzjoni;

57. Jistieden lill-impriżi konġunti jinvolvu ruħhom b'mod proattiv f'attivitajiet ta' komunikazzjoni sabiex jilħqu firxa wiesgħa ta' ċittadini tal-UE fi sforz pedagoġiku biex jippreżentaw il-kontribut tagħhom għal għanijiet komuni u l-ħtieġa ta' sħubijiet istituzzjonalizzati li jinvolvu membri privati;

58. Jistieden lill-impriżi konġunti jistabbilixxu kooperazzjoni mal-universitajiet sabiex jilħqu lill-gradwati żgħażagħ Ewropej biex isaħħu l-proċessi ta' reklutaġġ futuri tagħhom;

59. Jistieden lill-impriżi konġunti jkomplu jirrapportaw b'mod effettiv u sal-limitu tal-kapaċità tagħhom dwar il-kontribut tagħhom għall-impjiegi u għall-kompetittività tal-ekonomija Ewropea, fid-dawl tal-ħtieġa li l-partijiet ikkonċernati importanti kollha tal-Unjoni Ewropea fil-qasam tar-riċerka u l-innovazzjoni jiffokaw fuq l-industrijalizzazzjoni mill-ġdid tal-Unjoni Ewropea;

60. Jistieden lill-impriżi konġunti jkomplu jiżguraw livell suffiċjenti ta' parteċipazzjoni ta' ditti privati, speċjalment ta' intrapriżi żgħar u ta' daqs medju, li jikkostitwixxu l-aktar assi b'saħħtu tal-ekonomija Ewropea;

61. Jistieden lill-impriżi konġunti jirrapportaw b'mod effettiv dwar il-kontribut tagħhom għall-prijoritajiet orizzontali tal-baġit tal-Unjoni Ewropea;

62. Jistieden lill-impriżi konġunti kollha jkomplu jaġixxu b'diliġenza fit-twettiq tal-attivitajiet tagħhom meta jittrattaw mal-partijiet ikkonċernati internazzjonali, speċjalment fid-dawl tar-reġim ta' miżuri restrittivi stabbilit mill-Unjoni Ewropea; jissottolinja s-sitwazzjoni partikolari tal-Impriża Konġunta Ewropea għall-ITER u l-Iżvilupp tal-Enerġija mill-Fużjoni f'dan ir-rigward u jilqa' l-ispjegazzjonijiet ipprovduti matul is-seduta ta' smigħ tal-impriża konġunta kkonċernata fil-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit dwar miżuri stabbiliti biex tiġi pprevenuta kwalunkwe kwistjoni fil-qafas tal-proġett ITER;

63. Jistieden lill-impriżi konġunti kollha jiżguraw li l-persunal tagħhom ikun qed jagħmel użu tajjeb mis-sinerġiji possibbli ma' entitajiet oħra mill-Unjoni Ewropea, bħall-aġenziji, fl-oqsma rilevanti kollha u sabiex jiżdiedu l-effiċjenza u l-impatt tal-operazzjonijiet tagħhom; jistieden lill-impriżi konġunti kollha jiżguraw li l-persunal tagħhom ikun qed jagħmel użu tajjeb mill-pjattaforma li tikkostitwixxi n-Network tal-Aġenziji tal-UE (EUAN);

64. Jenfasizza l-ħtieġa għas-sovranità diġitali fir-riċerka ffinanzjata mill-Unjoni; f'dak ir-rigward jagħmel enfasi speċjali fuq l-Impriża

Konġunta taċ-Ċipep, l-Impriża Konġunta għall-Computing ta’ Prestazzjoni Għolja Ewropew u l-Impriża Konġunta Networks u Servizzi Intelliġenti li għandhom jipprijoritizzaw proġetti li jsaħħu l-awtonomija tal-Unjoni fil-manifattura tas-semikondutturi, l-intelliġenza artifiċjali u ċ-ċibersigurtà; jitlob lill-Kummissjoni tiżgura li l-proġetti ffinanzjati mill-impriżi konġunti: i) ma jiddependux b’mod eċċessiv fuq fornituri ta’ pajjiżi terzi għal teknoloġiji kritiċi; ii) jikkontribwixxi għar-reżiljenza industrijali u l-indipendenza strateġika tal-Unjoni; iii) irawmu r-riċerka u l-iżvilupp domestiċi f’setturi diġitali ewlenin;

Sejħa għal segwitu

65. Jistieden lil kull impriża konġunta kkunsidrata għall-għoti ta’ kwittanza għas-sena finanzjarja 2023 tfassal rapport ta’ segwitu individwali dwar l-azzjonijiet kollha meħuda biex jiġu indirizzati l-kwistjonijiet speċifiċi msemmija f’din ir-riżoluzzjoni u tippreżenta dan ir-rapport ta’ segwitu ffirmat mid-Direttur (Eżekuttiv) tal-impriża konġunta lill-Parlament Ewropew sa mhux aktar tard mit-30 ta’ Settembru 2025;

66. Jissottolinja li r-rapporti ta’ segwitu jistgħu jinkludu wkoll il-fehmiet ġenerali tal-impriżi konġunti dwar din ir-riżoluzzjoni u dwar kwistjonijiet oħra rilevanti għall-awtorità ta’ kwittanza; jistenna li l-impriżi konġunti jabbozzaw dan ir-rapport b’approċċ komprensiv, li jittrattaw il-kwistjonijiet kollha indirizzati mill-Parlament Ewropew dwar l-attivitajiet tagħhom, u li jagħmlu dan in *bona fide* u b’kooperazzjoni.